**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Rik. Gur. Nru. XX/XXX/XX
Appuntat: XX/XX/XXXX

GLT Ltd (CXXXX)

*vs*

EB *et*

**Risposta Guramentata tal-konvenuti EB u CB (K.I. XXX u XXX rispettivament);**

Jesponu bir-rispett u bil-gurament EB jikkonferma s-segwenti fatti liema fatti l-esponenti jaf bihom personalment:

1. Illi l-esponenti huma l-possessuri tal-fond XX, Triq il-XX, XX, liema fond jinsab sottostanti l-appartamenti tal-atturi u dak tas-socjeta' intimata GLT Limited;

2. Illi l-esponenti mhux jikkontestaw dak li qieghed jinghad fil-paragrafi 1 u 2 tar-rikors guramentat;

3. Illi kuntrarjament ghal dak li qieghed jinghad mill-atturi mhuwiex minnu li l-atturi soffrew danni ghaliex fil-fatt l-appartament *de quo* qieghed jintuza bhala ufficcju u fih jahdmu diversi persuni, u li kieku l-fond ma kienx utilizzabbli kien ikun vojt;

4. Illi kif gie konstatat waqt l-access li ghamlet l-Espert Tekniku Perit XX XX nhar il-XX XX XX fi proceduri ohra, u cjoe Mandat Numru XX/XXX/XX, (rapport hawn anness u mmarkat Dok. A) l-alterazzjonijiet li saru mis-socjeta' attrici fl-appartament proprjeta tieghu kienu "*drastici*" u tali alterazzjonijiet "*kkondizzjonaw il-binja kollha, sew fuq il-livell in kwistjoni u sew fuq il-livelli ohrajn fuqu u tahtu*" u certament ma sarux bl-adezjoni tal-esponenti;

5. Illi kuntrarjament ghal dak li qieghed jinghad mis-socjeta attrici, l-esponenti qabbdu persuni ta' ħila sabiex jwettqu x-xogħlijiet fil-fond *de quo* u dan kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza;

6. Illi l-esponenti mxew kif imiss u bid-diligenza ta' *bonus pater familias* u addottaw kura u prudenza sabiex jilqghu kontra l-possibilita` ta' konsegwenzi dannuzi u dan kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza odjerna hija wahda intempestiva almenu fil-konfront tal-esponenti, stante li hu ma giex debitament notifikat b'ittra ufficjali u ghalhekk huma ma nghatawx ic-cans illi jgibu l-posizzjoni taghhom a konjizzjoni tar-rikorrenti;

8. Illi fil-prezent hemm kawza ohra, u cjoe dik fl-ismijiet "RF *et vs* EB *et*" (Rik. Gur. Nru.: XX/XXX/XX) liema kawza hija konnessa mal-kawza odjerna.

Tant dikjarat, l-esponenti jeccepixxu dan li gej:

1. Illi preliminarjament il-kawza ghandha tintbaghat sabiex tinstema' flimkien mal-kawza fl-ismijiet "RF *et vs* EB *et*" (Rik. Gur. Nru.: XX/XXX/XX), u dan a tenur tal-Art. 793 tal-Kap. 12;

2. Illi subordinatament l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi, stante li hija s-socjeta attrici, li wettqet xogholijiet strutturali estensivi fis-sular immedjatament sovrastanti l-proprjeta tal-eccipjent, li tahti ghal kwalsiasi hsarat u danni allegati li talvolta rrizultaw u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponenti ma humiex responsabbli ghall-ebda danni jew hsarat;

4. Illi subordinatament fi kwalunkwe kaz irid jittiehed qies tal-kontributorjeta' tal-atturi ghad-danni li minnhom qed jilmentaw;

5. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

PL Jean-Pierre Busuttil

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Rik. Gur. Nru. XX/XXX/XX
Appuntat: XX/XX/XXXX

GLT Ltd (CXXX)

*vs*

EB *et*

**Lista tax-xhieda**

L-esponenti sabiex jixhdu dwar il-fatti u l-mertu tal-kawza;

Il-Perit XX XX, il-Perit XX XX u l-Perit XX XX minn DTR Ltd. u l-bennej XX XX sabiex jixhdu dwar ix-xogholijiet;

Ix-Xhieda kollha msemmija mill-atti fil-lista tax-xhieda tas-socjeta attrici sabiex jixhdu dwar il-mertu u in kontro-ezami;

Kuntratturi, haddiema u konsulenti li kellhom x'jaqsmu max-xogholijiet li saru kemm ghand l-esponenti kif ukoll ghand is-socjeta attrici;

Registratur tal-Qorti sabiex jipprezenta kopja tal-atti relattivi li jirrigwardaw il-partijiet u jixhed dwarhom;

Il-Periti XX XX u XX XX li ghamlu rapporti fil-mori tal-mandat;

Rapprezentanti tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jixdhu dwar ix-xogholijiet fil-appartamenti in kwistjoni;

Persuni li kienu jahdmu jew li jahdmu mas-socjeta attrici;

Kummissarju tal-VAT sabiex jixhed dwar ix-xoghol tas-socjeta attrici;

Rapprezentanti tal-banek u partikolarment Bank of Valletta plc sabiex jixhdu dwar self u xogholijiet tas-socjeta attrici;

Klijenti tasa-socjeta attrici inkluzi rapprezentanti tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea sabiex jixhdu dwar xoghol li sar mis-socjeta attrici;

Rapprezentanti tat-Tezor sabiex jixhdu dwar pagamenti lis-socjeta attrici u kuntratti li kellhom.

Avv. John Bonello

P.L. Jean-Pierre Busuttil

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Rik. Gur. Nru. XX/XXX/XX
Appuntat: XX/XX/XXXX

GLT Ltd (CXXXX)

*vs*

EB *et*

**Lista ta' Dokumenti**

Dok. A Rapport tal-Espert Tekniku Perit XX XX

Avv. John Bonello P.L. Jean Pierre Busuttil

Esponenti: 1, Triq il-Kbira, Valletta

Notifika: Avv. MB, Il-Qorti, Valletta